# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta tad-Distrett tal-Imsida

Il-Pulizija

(Spettur Eman Hayman)

vs

Mary Zarb

Illum, 9 ta' April, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Mary Zarb** bint Joseph u Carmen xebba Mercieca imwielda Naxxar nhar 20/07/1959 residenti 15, Maria Apts, p/h 15, Triq Santa Venera, Imsida dentrici tal-karta tal-identita' numru 454859 M akkuzata talli fis-27/05/2023 ghal habta tal-hinijiet ta' bejn id-9:00 hrs u d-9:45 hrs gewwa l-Imsida:

1) Volontarjament ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex € 2,500 (elfejn u hames mitt euro) izda izjed minn € 250 (mitejn u hamsin ewro) ghad-dannu ta' Katia Baldacchino.

U aktar talli fid-29/05/2023 ghal-habta tal-hinijiet ta' bejn l-16:00 hrs u l-16:30 hrs gewwa l-Imsida

2) Ingurjajt jew heddidt lil Katia Baldacchino, jew jekk kont provokat, ingurjajt b' mod li hrigt barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba, biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Katia Baldacchino flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat tapplika l-artikoli 382 A u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-affidavit ta' PC 1015 Samantha Tabone; l-affidavit ta' PS 379 M Salibaipprezentat mat-tahrika tal-kawza; semghet ix-xhieda ta' Martin Vella li ezebixxa stima Dok. MV; ta' Katya Baldacchino; ta' Mary Zarb fis-seduta tal-22 ta' Mejju, 2024;

Rat li l-partijiet ghalqu l-provi fis-seduta tal-22 ta' Mejju, 2024;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-artikoli 325 (b), l-art. 339 (e), 382 A u 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ix-xhieda, d-dokumenti u l-atti kollha tal-kaz;

Ikkunsidrat

**Affidavit ta' PC 1015 Samantha Tabone** ipprezentat mat-tahrika tal-kawza. Fil-30/05/2023 fil-8:30 hrs Mary Zarb irrapportat fl-ghassa tal-Imsida li fil-29/05/2023 giet mheddha mill-gara taghha. Hija stqarret li kieent tiga ghamlet tlett rapporti ohra kontra l-gara taghha fuq serq ta' ornamenti u li l-gara taghha kienet ghamlet rapport kontriha fejn allegat li kienet ghamlet xi hsarat fil-karozza taghha (rapport 7/POL/3318/2023).

Wara li saret ricerka fuq is-sistema tal-NPS irrizulta li l-gara kienet Katia Baldacchino u wara li nghatat id-drittijiet taghha, hi rinunzjat ghad-dritt li tikkonsulta ma avukat u tat il-verzjoni taghha tal-akkadut.

**Affidavit ta' PS 379 M Saliba** ipprezentat mat-tahrika tal-kawza. Nhar is-27 ta' Mejju, 2023 waqt li kienet dettaljata gewwa l-ghassa tal-Imsida ghal habta ta' 11:20 hrs giet l-ghassa Katia Baldacchino li stqarret li dak in-nhar hija rat lil gara taghha hdejn il-karozza taghha tigref il-karozza. Osservat hsarat fuq in-naha tax-xellug tal-bieba ta' wara kif ukoll fuq il-mudguard. Meta avvicinata hija cahdet l-allegazzjoni.

Nhar il-28/05/2023 rikorriet l-ghassa Mary Zarb fejn stqarret li kienet ikkonsultat mal-avuktat taghha u ffirmat dikjarazzjoni li turi dan. Hija tat il-verzjoni taghha.

Nhar 13 ta' Gunju, 2023 Katia Baldacchino provdiet stima tal-hsarat minn Vella Brown Co. Ltd. li tammonta ghal € 490.00.

**Martin Vella** xehed fis-seduta tat-22 ta' Mejju, 2024. Ix-xhud huwa mekkanic u sprayer, jikkonferma l-istima ghal hsarat fuq vettura Toyota Vitz numru tar-registrazzjoni MDM 627 li tammonta ghal € 578.20 inkluz il-VAT. L-istima hija datata 10/06/2023.

**Katia Baldacchino** xehedet fis-seduta tal-22 ta' Mejju, 2024. Tixhed li fil-27 ta' Mejju, 2023 gewwa l-Imsida. Triq Santa Venera kellha l-karozza, Toyota Vitz numru ta' registrazzjoni numru MOM 627 ipparkjata quddiem il-garaxx. Tixhed:- "inzilt mil-lift u kif infetah il-lift sibt il-Mary Zarb qed tobroxxli l-karozza." Tixhed li dak il-hin staqsietaha x' kienet qed taghmel hdejn il-karozza taghha u qisha ippanikjat u qaltlija qed nar hemmx moffa "rajtha bic-cavetta f' idejha harist lejn il-karozza u rajt il-gemb migbud tal-karozza. Imghad hi qabdet telghet fil-lift u telghet fuq ovvjament."

Qatt ma kien hemm kwistjonijiet bejniethom. Taghraf lil imputata Mary Zarb fl-awla.

In kontro-ezami tirrispondi "Kif hrigt mil-lift hi kienet qieghda bic-cavetta mal-karozza, imma jien dak il-hin inhsadt ghax jiena qatt ma kelli xi nghid maghha u din ma kelliex ghalfejn tkun qieghedha quddiem il-garaxx tieghi."

Mistosija jekk jumejn wara kellhomx argument iehor u offendiet lil Mary Zarb bil-mejtin taghha hija ammettiet li ghamlet hekk.

**Mary Zarb** xehedet fis-seduta tal-22 ta' Mejju, 2024. Tixhed "Jiena kont qegheda isfel fil-garaxx biex ingib il-kaxxa tal-ilma ghax inzommu l-ilma hemmhekk ezatt kif harget minn gol-lift bdiet tghajjat barxuli l-karozza barxuli l-karozza."

Tikkonferma li dak il-hin kellha c-cwievet f' idejha ghaliex ried ikollha c-cwievet tal-garaxx u tal-lift.

Tichad li misset il-karozza ta' Katia Baldacchino.

In kontro-ezami tikkonferma li qabel dan l-incident ma kienux miggieldin. Lil Katia Baldacchino ratha hierga mil-lift, tichad li hi kienet hdejn il-karozza.

Hi kellha l-ilma sejra ghal gol-lift u mbghad taghmel l-ilma mal-art u dahhal ic-cavetta. Fuq ic-cwievet li kellha f' idejha tixhed "kienu mazz f' idi biex imbghad ghamilt l-ilma fl-art u taqbad ic-cavetta idahhalha fil-lift biex iggib il-lift f' idi hekk talf li l-ilma ikollu dik il-gap."

Ikkunsidrat

L-imputata Mary Zarb u l-kwerelanta Katia Baldacchino huma girien u jirrisjedu fl-istess blokka appartamenti u ghandhom l-garaxxiet taghhom vicin ta' xulxin.

L-imputata Zarb hija akkuzata fuq incidenti li graw f' zewgt dati differenti.

Ikkunsidrat,

Fl-ewwel imputazzjoni l-imputata Mary Zarb hija akkuzata li kkagunat hsara volontarja li tikkonsisti f' barxa bic-cavetta fil-vettura ta' Katia Baldacchino waqt li l-karozza kienet ipparkjata quddiem il-garage tal-kwerelanta Katia Baldacchino. L-imputata ghandha garage vicin taghha.

Fix-xhieda taghha l-kwerelanta Katia Baldacchino xehdet li meta nizlet il-lift hija rat lil Mary Zarb hdejn il-karozza taghha bic-cavetta f' idejha tigref il-karozza. Minn naha l-ohra Mary Zarb cahdet kategorikament li hija girfet il-karozza ta' Katia Baldacchino. Il-Qorti tosserva li fix-xhieda taghha Katia Baldacchino kienet inkonsistenti l-ewwel tghid li rat lil imputata tigref il-karozza kif harget mill-lift u ftit wara tixhed "rajtha bic-cavetta f' idejha harist lejn il-karozza u rajt il-gemb migbud tal-karozza. Imghad hi qabdet telghet fil-lift u telghet fuq ovvjament." Illi dan il-konflitt ta' provi johloq dubju ragjonevoli dwar is-sejbien ta' htija fil-konfront tal-imputata Mary Zarb.

Ikkunsidrat,

Illi f' dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni u cioe' li fid-29 ta' Mejju, 2023 Mary Zarb ingurjat jew heddedt jew jekk provokata ingurjat b' mod li harget mill-limiti tal-provokazzjoni, Katia Baldacchino ma xehdet xejn dwar din l-akkuza allegatament ipperpetrata minn Mary Zarb. Stante insufficjenza ta' provi, l-imputata Zarb qed tigi liberata minn din l-imputazzjoni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-art. 325(b) u 339 (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputata Mary Zarb mhux hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u qed tilleberaha minn kull piena u htija.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**